32006R0261

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 261/2006

tal-15 ta' Frar 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 753/2002 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 rigward id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 37(1)(e)(ii) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 [2], il-pajjiżi terzi jistgħu jużaw, bħala indikazjonijiet fakultattivi, it-termini tradizzjonali addizzjonali mniżżla fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, sakemm il-kundizzjonijiet mniżżla f'dak l-Artikolu huma sodisfatti.

(2) L-Afrika t'Isfel talbet biex tuża fis-suq tal-Komunità t-termini "ruby", "tawny" u "vantage". Dawn it-termini, li huma identiċi mat-termini Komunitarji tradizzjonali addizzjonali mniżżla f'Anness III tar-Regolament (KE) Nru 753/2002, huma użati għall-inbejjed imqawwija, huma regolati fl-Afrika t'Isfel u tradizzjonalment ġew użati għal aktar minn 10 snin fit-territorju ta' dak il-pajjiż. Billi dawn it-termini huma strettament definiti b'mod ekwivalenti bħal kif huma għal ċerti inbejjed tal-Komunità u huma użati fuq tiketti fejn jindikaw il-veru post ta' oriġini tal-inbejjed fil-kwistjoni, għalhekk mhumiex użati b'tali manjiera sabiex jiżvijjaw lill-konsumatur. Barra minn hekk, l-użu tagħhom għandu jiġi permess fis-suq tal-Kommunità.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri provduti f'dann ir-Regolament huwa bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-parti tal-Anness III li tirrefri għall-Portugal huwa ssostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness IX huwa ssostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1795/2003 (ĠU L 262, 14.10.2003, p. 13).

[2] ĠU L 118, 4.5.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1512/2005 (ĠU L 241, 17.9.2005, p. 15).

ANNESS I

It-terminu tradizzjonali	Inbejjed konċernati	Kategoriji ta' prodotti	Lingwa	Data miżjuda mal-Anness III	Il-pajjiż terz ikkonċernat
"IL-PORTUGALL **Termini tradizzjonali speċifiċi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 29**					
Denominação de origem (DO)	Kollha	Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid semifrizzanti ta' kwalità psr, inbid likur ta' kwalità psr	Portuġiż		
Denominação de origem controlada (DOC)	Kollha	Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid semifrizzanti ta' kwalità psr, inbid likur ta' kwalità psr	Portuġiż		
Indicação de proveniencia regulamentada (IPR)	Kollha	Inbid ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid semifrizzanti ta' kwalità psr, inbid likur ta' kwalità psr	Portuġiż		
Vinho doce natural	Kollha	Inbid likur ta' kwalità psr	Portuġiż		
Vinho generoso	DO Porto, Madeira, Moscatel de Setúbal, Carcavelos	Inbid likur ta' kwalità psr	Portuġiż		
Termini imsemmija fl-Artikolu 28					
Vinho regional	Kollha	Inbid tal-mejda b'IĠ	Portuġiż		
Termini tradizzjonali addizzjonali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 23					
Canteiro	DO Madeira	Iinbid likur ta' kwalità psr	Portuġiż		
Colheita Seleccionada	Kollha	Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'IĠ	Portuġiż		
Crusted/Crusting	DO Porto	Iinbid likur ta' kwalità psr	Ingliż		
Escolha	Kollha	Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'IĠ	Portuġiż		
Escuro	DO Madeira	Inbid likur ta' kwalità psr	Portuġiż		
Fino	DO Porto DO Madeira	Inbid likur ta' kwalità psr	Portuġiż		
Frasqueira	DO Madeira	Inbid likur ta' kwalità psr	Portuġiż		

It-terminu tradizzjonali	Inbejjed konċernati	Kategoriji ta' prodotti	Lingwa	Data miżjuda mal-Anness III	Il-pajjiż terz ikkonċernat
Garrafeira	Kollha	Inbid ta' kwalità psr, Inbid tal-mejda b'IĠ Inbid likur ta' kwalità psr	Portugiż		
Lágrima	DO Porto	Inbid likur ta' kwalità psr	Portugiż		
Leve	Inbid tal-mejda bl-IĠ Estremadura u Ribatejano	Inbid tal-mejda b'IĠ	Portugiż		
	DO Madeira, DO Porto	Inbid likur ta' kwalità psr			
Nobre	DO Dão	Inbejjed ta' kwalità psr	Portugiż		
Reserva	Kollha	Inbid ta' kwalità psr, inbid likur ta' kwalità psr, inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid tal-mejda b'IĠ	Portugiż		
Reserva velha (jew grande reserva)	DO Madeira	Inbid frizzanti ta' kwalità psr, inbid likur ta' kwalità psr	Portugiż		
Ruby	DO Porto	Inbid likur ta' kwalità psr	Ingliż	2006	L-Afrika t'Isfel (*)
Solera	DO Madeira	Inbid likur ta' kwalità psr	Portugiż		
Super reserva	Kollha	Inbid frizzanti ta' kwalità psr	Portugiż		
Superjuri	Kollha	Inbid ta' kwalità psr, inbid likur ta' kwalità psr, inbid tal-mejda b'IĠ	Portugiż		
Tawny	DO Porto	Inbid likur ta' kwalità psr	Ingliż	2006	L-Afrika t'Isfel (*)
Il-qtigħ u l-għasir tal-għeneb miżjud bil-Late Bottle (LBV) jew Character	DO Porto	Inbid likur ta' kwalità psr	Ingliż		
Vintage	DO Porto	Inbid likur ta' kwalità psr	Ingliż	2006	L-Afrika t'Isfel (*)

(*) 'Ruby', 'Tawny' u 'Vintage' huma użati f'assoċjazzjoni mal-indikazzjoni ġeografika tal-Afrika t'Isfel 'CAPE'."

ANNESS II

"ANNESS IX

Lista ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ imsemmija fl-Artikolu 37a u tal-membri tagħhom

Pajjiż Terz	Isem tal-organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva	Membri tal-organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva
— L-Afrika t'Isfel	— South African Fortified Wine Producers Association (SAFPA)	— Allesverloren Estate — Axe Hill — Beaumont Wines — Bergsig Estate — Boplaas Wine Cellar — Botha Wine Cellar — Bredell Wines — Calitzdorp Wine Cellar — De Krans Wine Cellar — De Wet Co-op — Dellrust Wines — Distell — Domein Doornkraal — Du Toitskloof Winery — Groot Constantia Estate — Grundheim Wine Cellar — Kango Wine Cellar — KWV International — Landskroon Wine — Louiesenhof — Morgenhog Estate — Overgaauw Estate — Riebeek Cellars — Rooiberg Winery — Swartland Winery — TTT Cellars — Vergenoegd Wine Estate — Villiera Wines — Withoek Estate"